



31.3.2014

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Petizzjoni 0509/2013, imressqa minn Sylwia Maćkowiak, ta' ċittadinanza Pollakka, f'isem l-Assoċjazzjoni "Nasz Dom", dwar pjanijiet li tinbena minjiera tal-linjite fiż-żona madwar Poniec, Krobia u Oczkowice (il-Wielkopolska t'Isfel)**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

L-Assoċjazzjoni "Nasz Dom" (Darna) qed topponi pjanijiet li jinbnew minjiera miftuħa tal-linjite u, fil-futur, impjant tal-enerġija li jaħraq il-linjite li jkun ġej mis-sit, fiż-żona madwar il-bliet ta' Poniec, Krobia u Oczkowice. L-Assoċjazzjoni hija magħmula minn residenti taż-żona li jinsabu mħassba li l-proġett se jikkawża dannu irreparabbli għall-kampanja tar-reġjun, kif ukoll se jniġġes l-ambjent.

Kumpanija tal-minjieri, PAK Górnictwo Sp. z.o.o., ingħatat liċenzja f'Mejju 2011, u issa bdiet tħaffir preliminari fiż-żona.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fid-19 ta' Novembru 2013. Il-Kummissjoni ntabbet taġti informazzjoni (l-Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fil-31 ta' Marzu 2014

Il-petizzjonanta, l-Assoċjazzjoni Nasz Dom topponi pjanijiet li tinbena minjiera miftuħa tal-linjite. Ir-residenti huma kontra x-xogħlijiet ta' esplorazzjoni mnedija. Ix-xogħlijiet huma bbażati fuq deċiżjoni (iddatata l-11 ta' Mejju 2011) tal-Ministru għall-Ambjent li tippermetti l-esplorazzjoni u l-identifikazzjoni ta' riżervi tal-linjite fiż-żona ta' Poniec Krobia Oczkowice. Il-petizzjonanta tindika li r-reġjun għandu rabta ekonomika u storika mal-agrikoltura moderna

(u tagħti wkoll l-eżempji ta' numru ta' impjanti tal-ipproċessar tal-ikel li jinsabu fir-reġjun). Konsegwentement, il-komunitajiet lokali jqisu l-pjanijiet li tinbena minjiera miftuħa tal-linjite bħala theddida għall-interessi soċjali u ekonomiċi tagħhom. Skont il-petizzjonanta, l-imġiba tal-awtoritajiet muniċipali u tal-Ministru għall-Ambjent, li jaqblu li jsiru xogħlijiet ta' esplorazzjoni tikser l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-petizzjonanta tqajjem il-kwistjoni tad-dispożizzjonijiet Pollakki dwar l-espulsjoni u l-konformità ta' tali dispożizzjonijiet mal-Kostituzzjoni Pollakka. Aktar minn hekk, il-petizzjonanta tirreferi għal deċiżjonijiet li jagħtu lill-investitur id-dritt li jwettaq xogħlijiet ta' esplorazzjoni u li fihom klawżola ta' applikabbiltà immedjata li, fil-fehma tal-petizzjonanta, tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet għall-proprjetà. Bħala konklużjoni, skont il-petizzjonanta l-*istatus quo* jindika ksur tal-Artikolu 6 u l-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Barra minn hekk, il-petizzjonanta tindika l-plawsibbiltà ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-Ħabitats f'każ li l-minjiera miftuħa tiġi approvata.

### L-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni

#### *Dwar il-ksur allegat tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali*

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tapplika primarjament għall-istituzzjonijiet tal-UE. Din torbot ukoll lill-awtoritajiet nazzjonali iżda meta dawn jimplementaw il-liġi tal-UE biss. Fil-filment konkret kontra azzjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali, jiġifieri l-Ministeru Pollakk għall-Ambjent, dawn jistgħu jitqiesu li implimentaw il-liġi tal-UE biss ladarba dawn ikunu ħadu deċiżjoni fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi rilevanti tal-UE; pereżempju, meta jimplementaw id-Direttiva dwar il-VIA – 2011/92/UE, jew id-Direttiva dwar il-Ħabitats (92/43/KEE). F'dan l-istadju tal-proċedura, l-awtoritajiet kompetenti s'issa ma ħadu ebda deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni skont il-liġi nazzjonali, li timplimenta xi waħda mid-direttivi tal-UE. Ir-raġuni għal dan prinċipalment tidher li hija li l-istadju rilevanti fil-proċedura, eż. konsultazzjonijiet ma' individwi li jistgħu jkunu kkonċernati minn deċiżjoni (bħal, pereżempju, awtorizzazzjoni ta' attivitajiet ta' minjieri f'sit partikolari), għadu ma ntlaħaqx.

Madankollu, jekk il-proċedura tilħaq dan l-istadju, imbagħad l-awtorità nazzjonali rilevanti tkun marbuta tirrispetta l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, inkluż id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja (l-Artikolu 7), id-dritt għall-proprjetà (l-Artikolu 17) u l-obbligu li tintegra fil-politiki tagħha livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent (l-Artikolu 37). Fir-rigward tal-allegazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta), jeħtieġ li jiġi nnutat li din id-dispożizzjoni torbot biss lil istituzzjonijiet u uffiċċji Ewropej u l-aġenziji tagħhom. Għaldaqstant ma tapplikax direttament għall-Istati Membri. Madankollu, id-dritt għal amministrazzjoni tajba huwa wieħed mill-prinċipji ġenerali tal-Liġi tal-Unjoni Ewropea li l-Istati Membri ħadu l-impenn li jirrispettaw, b'mod speċjali matul il-proċeduri amministrattivi li jimplementaw il-liġi tal-UE, bħal fil-każijiet ta' hawn fuq.

#### *Dwar l-allegat ksur tad-Direttiva 92/43/KEE<sup>1</sup>*

It-tħassib tal-petizzjonanta huwa marbut mal-fatt li jekk il-minjiera miftuħa tal-linjite tiġi approvata, il-kon ta' depressjoni jaffettwa b'mod negattiv ukoll is-sit tan-Natura 2000 Dolina

---

<sup>1</sup> ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.

Baryczy, li jinsab 'il barra mill-minjiera miftuħa ppjanata. Tali effett negattiv jikser l-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-Habitats.

Mill-informazzjoni pprovduta, huwa ċar, madankollu, li l-proċess ta' awtorizzazzjoni għall-proġett inkwistjoni għadu ma bediex. Bħalissa għaddejjin biss xogħlijiet ta' esplorazzjoni, 'il barra mis-sit tan-Natura 2000. Għalhekk, fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta, il-Kummissjoni ma tistax tikkonkludi li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Habitats inkisru. Jekk l-investitur jiddeċiedi li jimplementa l-proġett, dan se jkun obligat li jikseb deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni meħtieġa mil-liġi Pollakka (deċiżjoni ambjentali), li matulhom trid titwettaq il-valutazzjoni meħtieġa ta' effetti possibbli fuq is-sit tan-Natura 2000.

#### *Dwar il-kwistjoni ta' konsultazzjonijiet pubbliċi*

Il-petizzjonanta tallega wkoll li l-awtoritajiet muniċipali, kif ukoll il-pubbliku kkonċernat, ma ġewx ikkonsultati dwar il-pjanijiet li jkun hemm minjiera miftuħa tal-linjite fil-post.

Mill-valutazzjoni tal-informazzjoni pprovduta mill-petizzjonanta, huwa ċar li l-proċess tal-ħruġ tal-kunsens għall-iżvilupp għadu ma bediex. Jekk il-proċess ta' awtorizzazzjoni ta' minjiera miftuħa jibda, il-liġi Pollakka tipprevedi konsultazzjoni pubblika, li titwettaq matul il-proċedura tal-permess ambjentali. Dan ir-rekwiżit jittrasponi l-obbligi tad-Direttiva 2011/92/UE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (id-Direttiva dwar il-VIA)<sup>1</sup>.

#### *Dwar il-kwistjoni tan-nonkonformità tal-miżuri meħuda mal-Kostituzzjoni Pollakka*

Il-Kummissjoni m'għandha ebda kompetenza li tinvestiga jekk il-miżuri meħuda humiex konformi mal-Kostituzzjoni Pollakka.

#### Konklużjonijiet

Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni bħalissa ma tista' tistabbilixxi ebda ksur tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE.

---

<sup>1</sup> ĠU L 26/1, 28.01.2012.

